# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2011/59/UE

**tat-13 ta' Mejju 2011**

**li temenda, għall-fini tal-adattament għall-progress tekniku, l-Annessi II u III tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE rigward prodotti kosmetiċi**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur,

Billi:

(1) Wara l-pubblikazzjoni ta' studju xjentifiku fl-2001, bl-isem "L-użu ta' żebgħa permanenti tax-xagħar u r-riskju tal-kanċer tal-bużżieqa tal-awrina", il-Kumitat Xjentifiku dwar il-Prodotti Kosmetiċi u Prodotti li mhumiex tal-Ikel maħsuba għal Konsumaturi, li wara inbidel bil-Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti tal-Konsumaturi (l-"SCCP"), skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/210/KE ([2]), ikkonkluda li r-riskji potenzjali kienu ta' tħassib. L-SCCP irrakkomanda li l-Kummissjoni tieħu iżjed passi biex tikkontrolla l-użu tas-sustanzi taż-żebgħa tax-xagħar.

(2) L-SCCP jirrakkomanda wkoll strateġija tal-valutazzjoni tas-sikurezza globali għas-sustanzi fiż-żebgħa tax-xagħar li tinkludi l-ħtiġijiet għall-ittestjar tas-sustanzi wżati fil-prodotti taż-żebgħa tax-xagħar għall-ġenotossiċità/mutaġeniċità potenzjali tagħhom.

(3) Skont l-opinjonijiet tal-SCCP, il-Kummissjoni qablet mal-Istati Membri u l-partijiet interessati dwar strateġija globali biex tirregola s-sustanzi użati fil-prodotti taż-żebgħa tax-xagħar li, skontha, l-industrija intalbet tressaq fajls bid-dejta xjentifika aġġornata dwar is-sikurezza tas-sustanzi taż-żebgħa tax-xagħar, biex l-SCCP iwettaq valutazzjoni tar-riskji.

(4) L-SCCP, li wara nbidel bil-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (l-SCCS) skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/721/KE tal-5 ta' Awwissu 2008 li twaqqaf Struttura Konsultattiva ta' Kumitati Xjentifiċi u esperti fil-qasam tas-sigurtà tal-konsumatur, is-saħħa pubblika u l-ambjent u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/210/KE ([3]), ivvaluta s-sikurezza tas-sustanzi individwali li għalihom tressqu fajls aġġornati mill-industrija.

(5) L-aħħar pass tal-istrateġija tal-valutazzjoni tas-sikurezza kien li jiġi evalwat ir-riskju possibbli għas-saħħa tal-konsumatur bi prodotti ta' reazzjoni li jiffurmaw minn sustanzi ossidattivi taż-żebgħa tax-xagħar waqt li x-xagħar ikun qed jinżebagħ. Fl-opinjoni tiegħu tal-21 ta' Settembru 2010, l-SCCS ma qajjem l-ebda tħassib ewlieni rigward il-ġenotossiċità u l-karċinoġeniċità taż-żebgħa tax-xagħar u l-prodotti ta' reazzjoni tiegħu li bħalissa qed jintużaw fl-Unjoni.

(6) Xi sustanzi taż-żebgħa tax-xagħar huma provviżorjament awtorizzati għall-użu fi prodotti taż-żebgħa tax-xagħar sal-31 ta' Diċembru 2010 skont ir-restrizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Parti 2 tal-Anness III tad-Direttiva 76/768/KEE.

(7) Fid-dawl tal-valutazzjoni tar-riskji tad-dejta tas-sikurezza mressqa u l-opinjonijiet finali mogħtija mill-SCCS dwar is-sikurezza ta' sustanzi individwali u tal-prodotti ta' reazzjoni huwa xieraq li jiġu inklużi fil-Parti 1 tal-Anness III tad-Direttiva 76/768/KEE is-sustanzi taż-żebgħa tax-xagħar awtorizzati provviżorjament, li attwalment huma elenkati fil-Parti 2 ta' dak l-Anness.

(8) Il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-SCCS li tikkonċerna s-sustanzi hydroxyethyl-2-nitro-p-toluidine u HC Red No 10 + HC Red No 11, elenkati fil-Parti 2 tal-Anness III tad-Direttiva 76/768/KEE, ma setgħetx tiġi ffinalizzata qabel il-31 ta' Diċembru 2010. Għalhekk, l-użu provviżorju tas-sustanzi għandu jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2011

([1]) ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169.
([2]) ĠU L 66, 4.3.2004, p. 45.
([3]) ĠU L 241, 10.9.2008, p. 21.

(9) Rigward is-sustanza o-aminophenol l-SCCS iddikjara fl-opinjoni tiegħu tat-22 ta' Ġunju 2010 li fuq il-bażi tad-dejta disponibbli ma setgħet ssir l-ebda konklużjoni finali dwar is-sikurezza ta' dik is-sustanza. Fuq il-bażi ta' dik l-opinjoni, o-aminophenol ma jistax jitqies sikur meta jintuża fil-prodotti taż-żebgħa tax-xagħar u għalhekk għandu jiġi elenkat fl-Anness II tad-Direttiva 76/768/KEE.

(10) Id-Direttiva 76/768/KEE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Kożmetiċi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u III tad-Direttiva 76/768/KEE għandhom jiġu emendati skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mit-3 ta' Jannar 2012, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu f'konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mit-3 ta' Jannar 2012.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Id-Direttiva 76/768/KEE għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) Fl-Anness II, għandha tiġi miżjuda l-entrata li ġejja:

| Nru ta' Ref | Isem kimiku | Nru CAS/Nru KE |
|---|---|---|
| "1372 | 2-Amminofenol (o-Aminophenol; CI 76520) u l-imluħ tiegħu | CAS Nru 95-55-6/67845-79-8/51-19-4<br>KE Nru 202-431-1/267-335-4" |

(2) L-Anness III għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-Parti 1 għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) L-entrati li ġejjin għandhom jiġu miżjuda:

| Nru. ta' Ref. | Sustanza | Restrizzjonijiet | | | Kundizzjonijiet dwar l-użu u twissijiet li għandhom jiġu stampati fuq it-tikketta |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Ambitu ta' applikazzjoni u/jew użu | Massimu awtorizzat konċentrazzjoni fil-prodott kosmetiku finali | Limitazzjonijiet u rekwiżiti oħrajn | |
| "215 | 4-amino-3-nitrophenol (CAS Nru 610–81–1) (KE Nru 210-236-8) | (a) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi<br>(b) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar mhux ossidattivi | (b) 1,0 % | (a) Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,5 %. | (a) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a)<br>(b) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 208, il-kolonna f |
| 216 | 2,7-Naphthalenediol (CAS Nru 582-17-2) (KE Nru 209-478-7) | (a) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi<br>(b) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar mhux ossidattivi | (b) 1,0 % | (a) Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,0 % | (a) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |
| 217 | m-Aminophenol HCl (CAS Nru 591–27–5) (KE Nru 209-711-2) u l-melħ tiegħu<br>m-Aminophenol HCL (CAS Nru 51-81-0) (KE Nru 200-125-2)<br>m-Aminophenol sulfate (CAS Nru 68239-81-6) (KE Nru 269-475-1)<br>sodium m-Aminophenol (CAS Nru 38171-54-9) | Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi | | Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,2 % | Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |

| Nru. ta' Ref. | Sustanza | Restrizzjonijiet | | | Kundizzjonijiet dwar l-użu u twissijiet li għandhom jiġu stampati fuq it-tikketta |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Ambitu ta' applikazzjoni u/jew użu | Massimu awtorizzat konċentrazzjoni fil-prodott kosmetiku finali | Limitazzjonijiet u rekwiżiti oħrajn | |
| 218 | 2,6-Dihydroxy-3,4-dimethylpyridine (CAS Nru 84540-47-6) (KE Nru 283-141-2) | Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi | | Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,0 % | Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |
| 222 | 2-Hydroxyethyl picramic acid (CAS Nru 99610-72-7) (KE Nru 412-520-9) | (a) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi<br>(b) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar mhux ossidattivi | (b) 2,0 % | (a) Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,5 %.<br>Għal (a) u (b):<br>— Tużax ma aġenti ta' nitrosazzjoni<br>— Kontenut massimu ta' nitrosammina: 50 μg/kg<br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-nitrit | (a) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |
| 223 | p-Methylaminophenol (CAS Nru 150-75-4) (KE Nru 205-768-2) u s-sulfat tiegħu<br>p-Methylaminophenol sulfate (CAS Nru 55-55-0/1936-57-8) (KE Nru 200-237-1/217-706-1) | Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi | | Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-0,68 % (bħala sulfat)<br>— Tużax ma aġenti ta' nitrosazzjoni<br>— Kontenut massimu ta' nitrosammina: 50 μg/kg<br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-nitrit | Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |
| 225 | Etanol, 2-[4-[Etil[(2-Idrossietil) Ammino]-2-Nitrofenil]Ammino]-, (CAS Nru 104516-93-0) u l-idroklorur tiegħu<br>HC Blue No 12 (CAS Nru 132885-85-9) (KE Nru 407-020-2) | (a) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi | | (a) Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-0,75 % (bħala idroklorur)<br>Għal (a) u (b):<br>— Tużax ma aġenti ta' nitrosazzjoni<br>— Kontenut massimu ta' nitrosammina: 50 μg/kg<br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-nitrit | (a) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |

| Nru. ta' Ref. | Sustanza | Restrizzjonijiet | | | Kundizzjonijiet dwar l-użu u twissijiet li għandhom jiġu stampati fuq it-tikketta |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Ambitu ta' applikazzjoni u/jew użu | Massimu awtorizzat konċentrazzjoni fil-prodott kosmetiku finali | Limitazzjonijiet u rekwiżiti oħrajn | |
| | | (b) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar mhux ossidattivi | (b) 1,5 % (bħala idroklorur) | | |
| 227 | 3-Amino-2,4-dichlorophenol (CAS Nru 61693-42-3) (KE Nru 262-909-0) u l-idroklorur tiegħu<br><br>3-Amino-2,4-dichlorophenol HCl (CAS Nru 61693-43-4) | (a) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi<br><br>(b) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar mhux ossidattivi | <br><br>(b) 1,5 % (bħala idroklorur) | (a) Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,5 % (bħala idroklorur) | (a) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |
| 230 | Phenyl methyl pyrazolone (CAS Nru 89-25-8) (KE Nru 201-891-0) | Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi | | Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-0,25 %. | Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |
| 232 | 2-Methyl-5-hydroxyethylaminophenol (CAS Nru 55302-96-0) (KE Nru 259-583-7) | Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi | | Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,5 %.<br><br>— Tużax ma aġenti ta' nitrosazzjoni<br><br>— Kontenut massimu ta' nitrosammina: 50 μg/kg<br><br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-nitrit | Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |
| 234 | Hydroxybenzomorpholine (CAS Nru 26021-57-8) (KE Nru 247-415-5) | Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi | | Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,0 %.<br><br>— Tużax ma aġenti ta' nitrosazzjoni<br><br>— Kontenut massimu ta' nitrosammina: 50 μg/kg<br><br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-nitrit | Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |

| Nru. ta' Ref. | Sustanza | Restrizzjonijiet | | | Kundizzjonijiet dwar l-użu u twissijiet li għandhom jiġu stampati fuq it-tikketta |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Ambitu ta' applikazzjoni u/jew użu | Massimu awtorizzat konċentrazzjoni fil-prodott kosmetiku finali | Limitazzjonijiet u rekwiżiti oħrajn | |
| 237 | 2,2'-[(4-Ammino-3-nitrofenil)immino]bisetanol (CAS Nru 29705-39-3) u l-idroklorur tiegħu<br><br>HC Red No 13 (CAS Nru 94158-13-1) (KE Nru 303-083-4 | (a) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi<br><br>(b) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar mhux ossidattivi | <br><br><br><br><br>(b) 2,5 % (bħala idroklorur) | (a) Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,25 % (bħala idroklorur) | (a) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |
| 238 | 2,6-Dimetossi-3,5-piridinediammin (CAS Nru 85679-78-3 (bażi ħielsa)) u l-idroklorur tiegħu<br><br>2,6-Dimethoxy-3,5-pyridinediamine HCl (CAS Nru 56216-28-5) (KE Nru 260-062-1) | Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi | | Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-0,25 % (bħala idroklorur) | Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |
| 239 | HC Violet No 1 (CAS Nru 82576-75-8) (KE Nru 417-600-7) | (a) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi<br><br>(b) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar mhux ossidattivi | <br><br><br><br><br>(b) 0,28 % | (a) Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-0,25 %.<br><br>Għal (a) u (b):<br>— Tużax ma aġenti ta' nitrosazzjoni<br>— Kontenut massimu ta' nitrosammina: 50 μg/kg<br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-nitrit | (a) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a)<br><br>(b) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 208, il-kolonna f |
| 241 | 1,5-Naphthalenediol (CAS Nru 83-56-7) (KE Nru 201-487-4) | (a) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi<br><br>(b) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar mhux ossidattivi | <br><br><br><br><br>(b) 1,0 % | (a) Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,0 %. | (a) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |

| Nru. ta' Ref. | Sustanza | Restrizzjonijiet | | | Kundizzjonijiet dwar l-użu u twissijiet li għandhom jiġu stampati fuq it-tikketta |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Ambitu ta' applikazzjoni u/jew użu | Massimu awtorizzat konċentrazzjoni fil-prodott kosmetiku finali | Limitazzjonijiet u rekwiżiti oħrajn | |
| 242 | Idrossipropil bis (N-idrossietil-p-fenilendiammina) (SAK Nru 128729-30-6) u t-tetraidroklorur tiegħu<br><br>Hydroxypropyl bis(N-hydroxyethyl-p-phenylenediamine) HCl (CAS Nru 128729-28-2) (KE Nru 416-320-2) | Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi | | Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-0,4 % (bħala tetraidroklorur) | Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |
| 243 | 4-Amino-2-hydroxytoluene (CAS Nru 2835-95-2) (KE Nru 220-618-6) | Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi | | Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,5 %. | Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |
| 244 | 2,4-Diamminofenossietanol (CAS Nru 70643-19-5) l-idroklorur u s-sulfat tiegħu<br><br>2,4-Diaminophenoxyethanol HCl (CAS Nru 66422-95-5) (KE Nru 266-357-1)<br><br>2,4-Diaminophenoxyethanol sulfate (CAS Nru 70643-20-8) (KE Nru 274-713-2) | Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi | | Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż it-2,0 % (bħala idroklorur) | Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |
| 245 | 2-Methylresorcinol (CAS Nru 608-25-3) (KE Nru 210-155-8) | (a) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi<br><br>(b) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar mhux ossidattivi | <br><br>(b) 1,8 % | (a) Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,8 %. | (a) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |
| 246 | 4-Amino-m-cresol (CAS Nru 2835-99-2) (KE Nru 220-621-6) | Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi | | Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,5 %. | Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |

| Nru. ta' Ref. | Sustanza | Restrizzjonijiet | | | Kundizzjonijiet dwar l-użu u twissijiet li għandhom jiġu stampati fuq it-tikketta |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Ambitu ta' applikazzjoni u/jew użu | Massimu awtorizzat konċentrazzjoni fil-prodott kosmetiku finali | Limitazzjonijiet u rekwiżiti oħrajn | |
| 248 | 2-Amino-4-hydroxyethylaminoanisole (CAS Nru 83763-47-7) (KE Nru 280-733-2) u l-melħ tas-sulfat tiegħu<br>2-Amino-4-hydroxyethylaminoanisole sulfate (CAS Nru 83763-48-8) (KE Nru 280-734-8) | Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi | | Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,5 % (bħala sulfat)<br>— Tużax ma aġenti ta' nitrosazzjoni<br>— Kontenut massimu ta' nitrosammina: 50 μg/kg<br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-nitrit | Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |
| 249 | Idrossietil-3,4-metilendiossianilina u l-idroklorur tiegħu<br>Hydroxyethyl-3,4-methylenedioxyaniline HCl (CAS Nru 94158-14-2) (KE Nru 303-085-5) | Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi | | Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,5 %.<br>— Tużax ma aġenti ta' nitrosazzjoni<br>— Kontenut massimu ta' nitrosammina: 50 μg/kg<br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-nitrit | Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |
| 250 | 3-Nitro-p-hydroxyethylaminophenol (CAS Nru 65235-31-6) (KE Nru 265-648-0) | (a) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi<br>(b) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar mhux ossidattivi | (b) 1,85 % | (a) Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż it-3,0 %.<br>Għal (a) u (b):<br>— Tużax ma' sistemi ta' nitrosazzjoni<br>— Kontenut massimu ta' nitrosammina: 50 μg/kg<br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-nitrit | (a) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a)<br>(b) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 208, il-kolonna f |
| 251 | 4-Nitrophenyl aminoethylurea (CAS Nru 27080-42-8) (KE Nru 410-700-1) | (a) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar ossidattivi<br>(b) Sustanza tażżebgħa tax-xagħar fi prodotti tażżebgħa tax-xagħar mhux ossidattivi | (b) 0,5 % | (a) Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-0,25 %.<br>Għal (a) u (b):<br>— Tużax ma aġenti ta' nitrosazzjoni<br>— Kontenut massimu ta' nitrosammina: 50 μg/kg<br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-nitrit | (a) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a) |

| Nru. ta' Ref. | Sustanza | Restrizzjonijiet | | | Kundizzjonijiet dwar l-użu u twissijiet li għandhom jiġu stampati fuq it-tikketta |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Ambitu ta' applikazzjoni u/jew użu | Massimu awtorizzat konċentrazzjoni fil-prodott kosmetiku finali | Limitazzjonijiet u rekwiżiti ohrajn | |
| 252 | 2-Amino-6-chloro-4-nitrophenol (CAS Nru 6358-09-4) (KE Nru 228-762-1) | (a) Sustanza taż-żebgħa tax-xagħar fi prodotti taż-żebgħa tax-xagħar ossidattivi<br>(b) Sustanza taż-żebgħa tax-xagħar fi prodotti taż-żebgħa tax-xagħar mhux ossidattivi | (b) 2,0 % | (a) Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż it-2,0 %. | (a) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a)<br>(b) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 208, il-kolonna f" |

(ii) L-entrata bin-numru ta' referenza 201 għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "201 | 2-Chloro-6-ethylamino-4-nitrophenol (CAS Nru 131657-78-8) (KE Nru 411-440-1) | (a) Sustanza taż-żebgħa tax-xagħar fi prodotti taż-żebgħa tax-xagħar ossidattivi<br>(b) Sustanza taż-żebgħa tax-xagħar fi prodotti taż-żebgħa tax-xagħar mhux ossidattivi | (b) 3,0 % | (a) Wara t-taħlita taħt kundizzjonijiet ossidattivi l-konċentrazzjoni massima applikata lix-xagħar ma għandhiex taqbeż il-1,5 %<br>(a) u (b):<br>— Tużax ma aġenti ta' nitrosazzjoni<br>— Kontenut massimu ta' nitrosammina: 50 μg/kg<br>— Żomm f'kontenituri ħielsa min-nitrit | (a) Kif imsemmi fin-numru ta' referenza 205, il-kolonna f (a)" |

(b) Il-Parti 2 għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) L-entrati bin-numri ta' referenza 3 sa 6, 11, 12, 16, 19 sa 22, 25, 27, 31 sa 39, 44, 48, 49, 55 u 56 għandhom jitħassru.

(ii) Fl-entrati bin-numri ta' referenza 10 u 50, fil-kolonna g, id-data "31.12.2010" għandha tiġi sostitwita b'"31.12.2011".